# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Inib. 34/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni 34/17 fl-ismijiet:

**BRIGHT STONE HOLDING LIMITED (C – 40891)**

vs

**ST. GEORGE EDITION LIMITED (C – 40902)**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment kamerali għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara rikors imressaq minn Patrick Otto Michael Wrede, Tomas Bone-Winkel u Lin Xiongxiong fil-25 ta' Jannar, 2017[1](minn issa 'l hemm imsejħin "ir-rikorrenti"), li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbu lil din il-Qorti ma tqisx bħala siewja Nota mressqa fit-23 ta' Jannar, 2017[2], minn Peter Massine li biha l-kumpannija rikorrenti Bright Stone Holding Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "BSH") jidher li ċediet ir-rikors imressaq minnha kontra St

[1] Paġġ. 183 – 5 tal-atti
[2] Paġ. 177 tal-atti

George Edition Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "STG") fl-10 ta' Jannar, 2017, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni;

Tqis li, b'degriet tas-26 ta' Jannar, 2017[3], il-Qorti tat lil STG sal-31 ta' Jannar, 2017, biex tressaq it-Tweġiba tagħha għall-imsemmi rikors;

Tqis li, b'degriet tagħha tat-2 ta' Frar, 2017[4], fuq talba magħmula mid-difensuri ta' STG b'rikors tagħhom ta' dakinhar, il-Qorti tawlet iż-żmien li fih tista' titressaq it-Tweġiba sas-6 ta' Frar, 2017;

Tqis li STG ressqet Tweġiba fis-6 ta' Frar, 2017[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qajmet il-kwestjoni tas-siwi tar-rikors imressaq mir-rikorrenti (ladarba dawn mhumiex parti fil-proċedura) u qalet li t-talba tagħhom biex il-Qorti ma tqisx in-Nota ta' Ċessjoni li biha formalment saret rinunzja minn BSH għall-ħruġ tal-Mandat ma jmisshiex tintlaqa';

Tqis li r-rikorrent Wrede kien l-azzjonist ewlieni ta' BSH filwaqt li ż-żewġ rikorrenti l-oħrajn huma diretturi tagħha;

Tqis li l-Avukat Paul Micallef Grimaud ingħata l-mandat biex jidher għal BSH u jressaq u f'isimha jaħlef ir-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat, kif tabilħaqq ġara;

Tqis li l-imsemmi Peter Massine huwa d-direttur ta' STG[6];

Tqis li BSH laqgħet in-notifika tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat u ressqet Tweġiba (mhux maħlufa) għaliha fl-20 ta' Jannar, 2017;

Tqis li r-rikorrenti jgħidu li Massine ma kellu l-ebda jedd iressaq in-Nota ta' Ċessjoni f'isem BSH ladarba b'qerq allega li jirrappreżentaha meta dan ma kienx il-każ u meta BSH kienet diġa' ħarġet żewġ talbiet oħra kontrih (u oħrajn) għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[7] li kienu ntlaqgħu b'mod provviżorju jiem qabel ma huwa ressaq l-imsemmija Nota ta' Ċessjoni[8];

---

[3] Paġ, 235 tal-atti
[4] Paġ. 242 tal-atti
[5] Paġġ, 243 – 6 tal-atti
[6] Dok "A", f'paġ. 106 tal-atti
[7] Rik. Inib. 67/17SM u Rik. Inib. 82/17SM imressqin rispettivament fis-17.1.2017 u 19.1.2017 u jinsabu għas-smigħ għas-17.2.2017
[8] Ara degrieti tas-17.1.2017 u 19.1.2017, f'paġġ. 193 u 198 tal-atti

Tqis li, min-naħa tiegħu, Massine talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra r-rikorrenti, biex iżommhom milli jaġixxu bħala azzjonisti u diretturi ta' BSH[9];

Tqis li, meta Massine ressaq in-Nota ta' Ċessjoni fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili (f'żewġ verżjonijiet, waħda fl-ilsien Malti u l-oħra fl-ilsien Ingliż) deher huwa nnifsu u ressaq l-imsemmi att ġudizzjarju wara li wera dokument ta' identita' personali;

***Ikkunsidrat:***

Illi, bħala regola, atti ġudizzjarji mressqin u milqugħa mir-Reġistru tal-Qorti jagħtu fidi għall-kontenut tagħhom u jsarrfu f'dak li jgħidu;

Illi Nota ta' Ċessjoni hija att ġudizzjarju ta' rinunzja għall-atti li jista' jsir minn kull waħda mill-partijiet[10], u meta mressqa fir-Reġistru, jista' jsir taħt il-firma tal-istess parti, bla ma jkun hemm il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew ta' prokuratur legali. Hekk sar fil-każ tal-lum;

Illi l-liġi tgħid min jista' jressaq atti ġudizzjarji[11], iżda tagħmilha ċara li fil-każ ta' att li jkun fih, fost l-oħrajn, rinunzja għall-atti[12] dan jista' jitressaq biss mill-parti nnifisha jew, bħal fil-każ ta' kumpannija b'personalita' ġuridika bħalma hija BSH, mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp[13];

Illi sakemm att ta' rinunzja jkun sar minn persuna awtorizzata bil-liġi li tagħmlu, ma jingħatax malajr li Qorti ma tagħtix każu jew twarrbu b'ħeffa minħabba d-dannu li ġeneralment jirriżulta minn ħaġa bħal din mill-parti l-oħra, li għandha l-jedd li tibbenefika mill-allegazzjonijiet jew jeddijiet tal-avversarju[14];

Illi, mid-dokumenti mressqa fl-atti tar-Rikors u meta wieħed iqis il-ġrajja li seħħew fi ħdan l-istess kumpannija, li għadhom suġġetti għal proċeduri ġudizzjarji kemm fuq livell kawtelatorju u kif ukoll fil-mertu sostantiv tagħhom, il-Qorti tqis li meta Peter Messine ressaq in-Nota ta' Ċessjoni, kien diġa' provviżorjament miżmum milli jidher f'isem BSH u ma setax

[9] Rik. Inib. 99/17AF (Ara Dok "E" f'paġġ. 268 – 272 tal-atti) milqugħ provviżorjament fit-23 ta' Jannar, 2017, u imħolli llum għad-degriet kamerali
[10] Art 906 tal-Kap 12
[11] Art. 180(1) tal-Kap 12
[12] Art. 180(2) tal-Kap 12
[13] Art. 180(2)(i)(ii) marbut mal-art. 181A(2) tal-Kap 12
[14] P.A. GV **30.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Hugh Peralta noe et vs Dr Mark Camilleri et noe et***

f'dak il-waqt jidher f'isimha, lil hinn mill-kwestjoni tal-arranġament dwar il-kisba tal-ishma li huwa jgħid li saret b'seħħ mid-9 ta' Jannar, 2017, bis-saħħa tax-*Share Purchase Agreement* bejnu u r-rikorrent Wrede[15] u r-riżultanzi tal-laqgħa ġenerali straordinarja ta' BSH miżmuma bejnu u Nigel Camilleri fit-12 ta' Jannar, 2017[16];

Illi l-eżerċizzju li bih il-Qorti qiegħda tqis jekk għandhiex tagħraf jew twarrab in-Nota mressqa minn Massine fit-23 ta' Jannar, 2017, huwa wieħed li jirreferi għas-siwi formali tal-att ġudizzjarju nnifsu u mhux deliberazzjoni jew stħarriġ dwar min tabilħaqq u s-sid u r-rappreżentant ta' BSH, kif tallega ATG fit-Tweġiba tagħha. Dak l-eżerċizzju ta' deliberazzjoni jifforma l-mertu ta' proċeduri oħrajn li jinsabu għall-eżami tal-Qorti fi proċeduri oħrajn li ssemmew qabel;

Illi l-Qorti tqis li kien ikun għaqli li, meta f'każ bħal dak li seħħ meta Massine deher fir-Reġistru u ressaq Nota ta' Ċessjoni, l-Attwarju jitlob li, minbarra dokument li jistabilixxi l-identita' tal-persuna li tkun qiegħed tressaq l-att ġudizzjarju, jitlob ukoll li jinhemeż dokument li juri li dik il-persuna tabilħaqq tkun qiegħda tmexxi f'isem il-korp ġuridiku li jkun (bħalma tista' tkun riżoluzzjoni awtentikata kif imiss). Dan ma sarx fil-każ tal-lum u, minn aċċertamenti li għamlet il-Qorti, ma jidhirx li t-tmexxija tal-Qrati Superjuri sa issa qatt tat linji-gwida jew direttivi dwar qagħda bħal din lill-attwarji tar-Reġistru tagħha[17];

Illi din il-Qorti ma tista' qatt tisħaq biżżejjed kemm jista' jkun ta' periklu li jitħallew jitressqu atti minn persuna li tagħmilha ta' rappreżentant ta' korp mogħni b'personalita' ġuridika meta ma tkunx jew ma jkunx ċar li hi, jew ma jkollhiex f'dak il-waqt is-setgħa li tidher jew tagħmel atti f'isem dak il-korp, jew meta tagħmel dan minn wara dahar dak jew dawk li jkollhom tali personalita';

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li hemm raġuni tajba biżżejjed biex ma tagħtix każ tan-Nota ta' Ċessjoni mressqa minn Peter Massine fit-23 ta' Jannar, 2017, u tisma' r-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat mitlub minn BSH;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** magħmula mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom tal-25 ta' Jannar, 2017.

---

[15] Dok "A", f'paġġ. 247 – 9 tal-atti
[16] Dok "B", f'paġġ. 250 – 2 tal-atti
[17] Ir-Regolament 5 tal-A.L. 139 tal-2004 (L.S. 12.21) ma jagħmel l-ebda riferenza għal każ bħal dan

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta, 7 ta' Frar, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

Komunika: Dr. Paul Micallef Grimaud LL.D., għar-rikorrenti

Dr. Henri Mizzi LL.D., għall-intimata St George Edition Ltd.
(Kopja għan-notifika tal-partijiet)